KAMRA TAD-DEPUTATI HOUSE OF REPRESENTATIVES
PARLAMENT TA' MALTA

21 ta' Ottubru 2014

Is-Sur Ray Zammit
Aġent Kummissarju tal-Pulizija
Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija
Floriana

Sur Aġent Kummissarju,

Il-bieraħ il-Ministru Konrad Mizzi qal fil-Parlament li hu rrefera lill-Pulizija l-każ tas-sejħa pubblika għat-tqeghid ta' panelli solari fuq madwar 100,000 metru kwadru ta' bjut u artijiet tal-Gvern u l-ħlas ta' feed-in-tariff (FIT) marbut mal-ġenerazzjoni tal-enerġija mill-pannelli u obbligi oħra.

Kif diġà kelli opportunità ngħid ilbieraħ stess fi programm fuq PBS Reporter, kien il-Kumitat ta' Aġġudikazzjoni li ddiskuta r-rata li kellha tiġi applikata wara sejha pubblika. Jien infurmat lir-rata tal-FIT ġiet analizzata bir-reqqa mill-esperti teknici involuti fil-process tal-ghazla abbazi tal-kriterji tat-tender. Barra minhekk ir-rata giet approvata mill-Awtorità Maltija għar-Riżorsi u ghaddiet mill-processi kollha ta' verifika li tenders pubblici jghaddu qabel jigu *awarded*. Kien hem diskussjonijiet fit-tul ma' ufficjali gholja fil-Ministeru tal-Finanzi l-istess bhalma kien isir fejn tidhol nefqa pubblika. Kull diskussjoni saret a bażi tal-enerġija li kienu jiġġeneraw sistemi bħal dawn u d-diversi obbligi li l-operatur kien se jkollu jerfa' skond it-termini tas-sejħa pubblika. L-uffiċjali tal-entitajiet involuti nifhem li għadhom qed jokkupaw l-istess karigi li kienu jokkupaw qabel l-elezzjoni ġenerali tal-2013.

Jekk kemm-il darba l-konsorzju li għamel l-offerta ppreżenta xi ittra li allegatament ma kenitx regolari jien cert li l-kumitat li evalwa l-offerta ghamel xoghlu u facilment jista' jwiegeb ghal dawn l-akkuzi.

Għaldaqstant qed niktiblek biex nitolbok tinvestiga dak kollu meħtieġ biex tara jekk kienx hemmx abbużi li jistgħu jwasslu għal atti kriminali fil-konfront ta' dawk kollha nvoluti sa llum, inkluż mill-elezzjoni ġenerali 'l hawn. Minn naħa l-oħra, kemm-il darba ma jinstabux nuqqasijiet nemmen li jkun inġust li jintefa suspett fuq persuni li mill-esperjenza tiegħi dejjem qdew dmirhom bl-akbar integrità.

Minn issa nirringrazzjak għal ħidma tiegħek u tal-Korp kollu.

**Onor. George Pullicino**